# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1933

## tas-27 ta' Ottubru 2015

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fil-fibra tal-kawkaw, fiċ-ċipps tal-banana, fis-supplimenti tal-ikel, fil-ħxejjex aromatiċi mnixxfin u fil-ħwawar imnixxfin

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistabbilixxi livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.

(2) Skont dak ir-Regolament, il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs) għandhom ikunu sikuri u l-aktar baxx li jista' raġonevolment jintlaħaq, ibbażati fuq manifattura tajba, tnixxif u prattiċi tajba ta' agrikoltura u sajd.

(3) Il-fibra tal-kawkaw hija prodott speċifiku tal-kawkaw magħmul mill-qoxra tal-fażola tal-kawkaw u li fih livelli ogħla ta' PAHs minn prodotti tal-kawkaw magħmula miż-żerriegħa tal-kawkaw imneħħija minn ġol-qoxra. Il-fibra tal-kawkaw u l-prodotti derivati huma prodotti intermedjarji fil-katina alimentari u użati bħala ingredjent fit-tħejjija ta' ikel b'ammont baxx ta' kaloriji u kontenut għoli ta' fibra. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli speċifiċi ta' PAHs għall-fibra tal-kawkaw u l-prodotti derivati. Minħabba li dawn il-prodotti għandhom kontenut baxx ta' xaħam, huwa xieraq li l-livelli massimi jiġu stabbiliti abbażi tal-piż imxarrab.

(4) Iċ-ċipps tal-banana jintużaw fiċ-ċereali tal-kolazzjon u fil-ħelu, kif ukoll jittieklu bħala ikla ħafifa. Reċentement instabu livelli għoljin ta' PAHs fiċ-ċipps tal-banana. Dawk is-sejbiet huma relatati mal-qali taċ-ċipps tal-banana fiż-żejt tal-ġewż tal-Indi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' PAHs għaċ-ċipps tal-banana. Bħala l-ewwel pass, minħabba n-nuqqas ta' dejta suffiċjenti dwar l-okkorrenza, dawn il-livelli massimi jikkorrispondu għal-livelli massimi taż-żejt tal-ġewż tal-Indi maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel. Il-livelli massimi għandhom jiġu riveduti fi żmien sentejn u jittieħed kont tad-dejta disponibbli dwar l-okkorrenza.

(5) Instabu livelli għoljin ta' PAHs f'ċerti supplimenti tal-ikel li fihom jew huma derivati minn ingredjenti botaniċi. Il-preżenza ta' livelli għoljin f'dawn is-supplimenti tal-ikel ġiet marbuta ma' prattiki ħżiena ta' tnixxif applikati għal dawn l-ingredjenti botaniċi. Dawn il-livelli għoljin jistgħu jkunu evitati billi jiġu applikati prattiki tajbin. Għaldaqstant jixraq li jiġu stabbiliti livelli massimi għall-PAHs f'dawn il-prodotti li jistgħu jinkisbu billi jiġu applikati prattiki tajbin u li xorta jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem.

(6) Instab ukoll li f'ċerti każijiet anki supplimenti tal-ikel li fihom jew huma derivati miż-żaftur, mill-ħalib tan-naħal u mill-ispirulina fihom livelli għoljin ta' PAHs li ġew marbuta mal-applikazzjoni ta' prattiki ħżiena. Billi livelli aktar baxxi jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni ta' prattiki tajbin, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' PAHs f'dawn il-prodotti.

(7) Livelli għoljin ta' PAHs instabu wkoll fi ħxejjex aromatiċi mnixxfin u ħwawar imnixxfin li huma wkoll marbuta mal-applikazzjoni ta' prattiki ħżiena ta' tnixxif. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' PAHs fil-ħxejjex aromatiċi mnixxfin u fil-ħwawar imnixxfin. Il-metodi tradizzjonali ta' affumikar u ta' pproċessar applikati għall-paprika u għall-kardamomu affumikati jirriżultaw f'livelli għolja ta' PAHs. Minħabba li l-konsum ta' dawn il-ħwawar huwa baxx u biex dawn il-prodotti affumikati jibqgħu fis-suq, huwa xieraq li dawn il-ħwawar jiġu eżentati mil-livelli massimi.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

(8) Għandu jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli li jippermetti lill-Istati Membri u lill-operaturi tan-negozji tal-ikel biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 qed jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-prodotti alimentari, elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fil-punt 6.1.11, imqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' April 2016, jistgħu jibqgħu fis-suq wara dik id-data sad-data minima ta' durabbiltà jew sad-data ta' skadenza tagħhom.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2016 bl-eċċezzjoni tal-ikel imsemmi fil-punt 6.1.11 li għalih il-livell massimu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

It-Taqsima 6: "*Idrokarbur aromatiku poliċikliku*" tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 hija emendata kif ġej:

(1) Il-punt 6.1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "6.1.2 | Żerriegħa tal-kawkaw u prodotti dderivati bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt 6.1.11 | 5,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2013 | 35,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2013 sal-31.3.2015<br>30,0 μg/kg xaħam mill-1.4.2015" |

(2) Jiżdiedu l-punti 6.1.11, 6.1.12, 6.1.13, 6.1.14 u 6.1.15 li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "6.1.11 | Fibra tal-kawkaw u prodotti derivati mill-fibra tal-kawkaw, maħsuba għall-użu bħala ingredjent fl-ikel | 3.0 | 15.0 |
| 6.1.12 | Ċipps tal-banana | 2.0 | 20.0 |
| 6.1.13 | Supplimenti tal-ikel li fihom materjali botaniċi u l-preparati tagħhom ([39]) (*) (**)<br>Supplimenti tal-ikel li fihom iż-żaftur, il-ħalib tan-naħal, l-ispirulina jew il-preparati tagħhom ([39]) | 10,0 | 50,0 |
| 6.1.14 | Ħxejjex aromatiċi mnixxfin | 10,0 | 50,0 |
| 6.1.15 | Ħwawar imnixxfin bl-eċċezzjoni tal-kardamomu u tal-*Capsicum*affumikat spp. | 10,0 | 50,0 |

(*) Il-preparati botaniċi huma preparati miksuba minn materjali botaniċi (eż. partijiet sħaħ ta' pjanti, pjanti frammentati jew maqtugħa) b'diversi modi (eż. l-ippressar, l-għasir, l-estrazzjoni, l-frazzjonament, id-distillazzjoni, il-konċentrazzjoni, it-tnixxif u l-fermentazzjoni). Din id-definizzjoni tinkludi pjanti imfarrka jew mitħuna, partijiet ta' pjanti, alka, faqqiegħ, likeni, tinturi, estratti, żjut essenzali (minbarra ż-żjut veġetali msemmija fil-punt 6.1.1), sugi espressi u efużjonijiet proċessati.

(**) Il-livell massimu ma japplikax għal supplimenti tal-ikel li fihom żjut veġetali. Iż-żjut veġetali użati bħala ingredjent fis-supplimenti tal-ikel għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit fil-punt 6.1.1."